# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 20 ta’ Ottubru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**
**vs**
**David Bonnici**

**Kumpilazzjoni Numru: 289/2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra David Bonnici ta’ 45 sena, bin Walter Baldacchino u Theresa nee De Giorgio, imwieled San Giljan nhar l-04 ta’Jannar 1977, minghajr, indirizz fiss u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 0083777M.

Akkuzat talli matul il-lejl tat-30 ta Mejju 2022 u il-31 ta Mejju 2022 f xi hin bejn 21:30 hrs u s-06.30 hrs gewwa l-limiti ta’ Attard, Zebbug u/ jew diversi postijiet f’dawn il-Gzejjer Maltin .

1. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe lil missieru Walter Bonnici, biza li se tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra persuna jew il-propjeta ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra tieghu, meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu kienet ser tikkaguna biza u li d-delitt , jew delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament u l-akkuzat kien qabel instab hati ta delitti ta’ natura simili.

2. Volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offiza ta' natura hafifa lil missieru u cioe' Walter Bonnici, hekk kif iccertifikat minn Dr. Stephanie Grech (Med Reg 1133).

3. Hebb sabiex ingurja, dejjaq jew ghamel hsara lil haddiehor u cioe' lil missieru Walter Bonnici, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa taht xi dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici.

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi:

4. Kiser Ordni ta' Trazzin imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), ppreseduta mill- Magistrat Dr. G. Vella LL.D fejn il-Qorti ipprovidiet ghas-sigurta ta' Walter Bonnici.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta ma' l-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula ai termini ta' artikoli 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll:

- toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra David Bonnici a benefiċju ta' Walter Bonnici u l-familjari tieghu u dan fit-termini tal-artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.
- tohrog Ordni ta' Trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
- f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Walter Bonnici u l-familjari tieghu kif jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil David Bonnici billi tapplika l-artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijjet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil David Bonnici b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.
- f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi David Bonnici sabiex ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fit-13 ta' Gunju 2022 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u

kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ai termini ta' liema il-Qorti ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet l-ufficjal tal-probation nominata biex thejji *pre-sentencing report*.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi fattur importanti hafna huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat; bla dubbju dawn huma reati ta' certa gravita partikolarment meta jigu kommessi fil-konfront ta' membri tal-familja. Aktar minn hekk huma reati li l-imputat ikkommetta diversi drabi fil-konfront ta' diversi nies pero primarjament fil-konfront tal-genituri tieghu u membri ohra tal-familja.

Illi mill-atti jirrizulta li l-imputat ghandu problema ta' droga, problema ta' imgieba u anke ta' anger managment; jirrizulta ukoll li dawn il-problemi bdew jimmanifestaw ruhhom hafna snin ilu. Fil-fatt, u kif gustament irrilevat l-ufficjal tal-probation, il-fedina penali tieghu turi li l-imputat instab hati xejn anqas minn sitta u ghoxrin (26) darba ghal diversi tipi ta' reati, pero l-aktar relatati ma' xi forma ta' aggressjoni u ma' pussess ta' droga; jidher li l-ewwel procedura kontra tiehu ittiehdu ghal fatti li sehhew meta kien ghad kellu ghoxrin sena. Tul is-snin, u ghad-diversi reati li taghhom instab hati, l-imputat inghata kull tip ta' sentenza: multi, liberta kondizzjonata, probation (diversi drabi), sentenzi sospiezi u anke prigunerija effettiva; kien inghata ukoll ordni ta' trattament. Minkejja dawn il-mizuri kollha u l-ghajnuna li nghata fil-forma ta' ufficjal tal-probation jew ordni ta' trattament, l-imputat m'gharafx jaccetta u juzufruwixxi minn din l-ghajnuna. Saru diversi tentattivi biex l-imputat jibda jindirizza l-problema li ghandu b'l-abbuz tad-droga, tentattivi li qatt ma raw impenn da parti ta'l-imputat u fil-fatt dejjem sfaxxaw fix-xejn. Saru tentattivi ukoll biex l-imputat jinghata ghajnuna wara l-ahhar perjodu ta' detenzjoni izda din l-ghajnuna ma gietx accettata.

Illi l-imputat ressaq lill-genituri tieghu bhala xhieda u xehed hu ukoll f'tentattiv biex jipprova jiggustifika l-agir tieghu u biex juri x'wasslu biex jagixxi bil-mod kif qed jagixxi. Mid-depozizzjoni ta' dawn il-persuni m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-familja Bonnici kellha u ghad ghandha diversi problemi. Aktar minn hekk jidher car li l-imputat jitfa t-tort kollu ta' kif zvillupat il-hajja tieghu fuq kulhadd (pero primarjament fuq il-genituri tieghu) hlif fuqu innufsu. Il-genituri tieghu min-naha l-ohra, fil-waqt li ma jinnegawx li hemm problemi, jghidu li ghamlu dak kollu li setghu biex jghinu lill-imputat; jghidu ukoll li jekk ma jassenkondawhx f'dak kollu li jrid minn ghandhom l-imputat jirrikorri ghall-vjolenza.

Illi l-imputat llum ghandu hamsa u erghin (45) sena u kienu x'kienu ic-cirkostanzi li trabba fihom ma jistax jibqa juza dawk ic-cirkostanzi bhala licenzja biex jibqa jagixxi b'mod vjolenti u bi ksur tal-Ligi. Huwa ta' certa rilevanza li l-incident li wassal ghall-proceduri odjerni sehh wara li l-imputat minn jeddu, u bi vjolazjoni ta' ordni ta' protezzjoni, ghazel hu li jmur ghand il-genituri tieghu.

Illi kif intqal tul is-snin l-imputat inghata ghajnuna minn diversi persuni pero baqa jirrifjutaha u jinsisti f'l-agir tieghu. Aktar minn hekk huwa ripetutament injora ordni ta'protezzjoni imposti fuqu billi baqa' jmur ghand, jew jikkomunika mal-genituri tieghu.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tikkondivi pienament il-fehma ta'l-ufficjal tal-probation li l-unika sentenza li ghandha tinghata fil-konfront ta'l-imputat hija dik ta' prigunerija effettiva.

Illi fir-rigward tat-talba tal-prosekuzzjoni biex l-imputat jitpogga taht ordni ta' trattament il-Qorti tirrileva li ghalkemm l-imputat diga tpogga taht ordni ta' trattament darbtejn ohra u m'gharafx juzufruwixxi mill-ghajnuna tal-professjonisti li pruvaw jigwidawh, ser taghtih opportunita ohra permezz ta' ordni ta' trattament iehor biex fil-perjodu ta' detenzjoni, u anke wara li jkun skonta l-perjodu ta'prigunerija imposta, huwa jkun jista jibda jindirizza l-problemi li qed iwassluh ghall-agir kriminuz.

Illi l-Qorti thoss li ghandha tilqa ukoll it-talba l-ohra tal-prosekuzzjoni u tpoggi lill-imputat taht ordni ta' trazzin.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 251B, 251HA, 221(1), 202(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 214, 221(1), 222(1), 202(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 328A u 412C tal-Kapitolu 9 ta'l-Ligijiet ta' Malta; u l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u

tikundannah **ghoxrin (20) xahar prigunerija**. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 382A u 412C ta' l-istess Kapitolu 9 sa biex tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmi Walter Bonnici qed tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta Trazzin ghal perjodu ta' tlett (3) snin** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta' Trattament ghal perjodu ta' erbgha (3) snin** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-Ordni mghoti kontestwalment.

In konkluzzjoni l-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' access ghal kopja skenjata tas-sentenza.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**